

Il-Ġurnal Uffiċjali C 268

tal-Unjoni Ewropea



Volum 60

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

12 ta' Awwissu 2017

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 268/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8443 — TPG/Oaktree/Iona Energy) ⁽¹⁾ 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 268/02 Rata tal-kambju tal-euro 2

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2017/C 268/03 Miżuri ta' riorganizzazzjoni — Deċiżjoni dwar miżuri ta' riorganizzazzjoni rigwarrd "ARISCOM Compagnia di Assicurazioni SpA" (Pubblikazzjoni magħmula skont l-Artikolu 271 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)) 3

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

V Awżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 268/04	Notifika tal-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri antidumping	4
2017/C 268/05	Notifika tal-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri antidumping	5

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 268/06	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8570 — CTDI EU/Regeneris EMEA) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	6
---------------	--	---

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.8443 — TPG/Oaktree/Iona Energy)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 268/01)

Fis-17 ta' Meju 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kw-lunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32017M8443. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Il-11 ta' Awwissu 2017

(2017/C 268/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1765	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4956
JPY	Yen Ġappuniż	128,41	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,1992
DKK	Krona Daniża	7,4370	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6149
GBP	Lira Sterlina	0,90645	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6052
SEK	Krona Żvediża	9,6083	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 346,47
CHF	Frank Żvizzeru	1,1320	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	15,8741
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,8414
NOK	Krona Norveġiża	9,3975	HRK	Kuna Kroata	7,3982
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 722,96
CZK	Krona Ċeka	26,155	MYR	Ringgit Malajjan	5,0531
HUF	Forint Ungeriż	305,41	PHP	Peso Filippin	60,033
PLN	Zloty Pollakk	4,2888	RUB	Rouble Russu	70,6275
RON	Leu Rumun	4,5778	THB	Baht Tajlandiż	39,107
TRY	Lira Turka	4,1765	BRL	Real Brażiljan	3,7378
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4962	MXN	Peso Messikan	21,1711
			INR	Rupi Indjan	75,4960

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Miżuri ta' riorganizzazzjoni — Deċiżjoni dwar miżuri ta' riorganizzazzjoni rigward "ARISCOM Compagnia di Assicurazioni SpA"

(Pubblikazzjoni magħmula skont l-Artikolu 271 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibilità II))

(2017/C 268/03)

Impriża tal-assigurazzjoni	<p>ARISCOM Compagnia di Assicurazioni SpA Via Guido d'Arezzo 14 00198 Roma RM ITALIA</p> <p>In-numru tal-identifikazzjoni fiskali, in-numru tal-VAT u r-Reġistru tal-Kumpaniji f'Ruma, Nru 09549901008</p> <p>Identifikatur tal-entità ġuridika (LEI) 8156002DC13E8B674053</p>
Id-data, id-dħul fis-seħħ u t-tip ta' deċiżjoni	<p>Digriet tal-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-24 ta' Lulju 2017 – Xoljiment ta' korpi b'funzjonijiet ta' amministrazzjoni u ta' kontroll ta' ARISCOM Compagnia di Assicurazioni SpA u amministrazzjoni straordinarja tal-impriża għal perjodu ta' żmien massimu ta' sena mid-data tal-ħruġ tad-digriet, skont l-Artikolu 231 tad-digriet leġiżlattiv Nru 209/2005.</p> <p>Miżura IVASS referenza Nru. 0146014/17 tas-27 ta' Lulju 2017 — Ħatra tal-korpi tal-proċedura ta' amministrazzjoni straordinarja skont l-Artikolu 233 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru. 209/2005.</p>
Awtoritajiet kompetenti	<p>Il-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku Via Molise 2 00187 Roma RM ITALIA</p> <p>IVASS Via del Quirinale 21 00187 Roma RM ITALIA</p>
Awtorità superviżorja	<p>IVASS Via del Quirinale 21 00187 Roma RM ITALIA</p>
Kummissarju straordinarju maħtur	Dr. Massimo Michaud
Kumitat ta' sorveljanza maħtur	<p>Il-Professur Antonio Blandini</p> <p>Dr. Piero Cesarei</p> <p>Dr. Vincenzo Maurizio Dispinzeri</p>
Liġi applikabbli	<p>Il-liġi Taljana</p> <p>L-Artikoli 231 u 233 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 209/2005</p>

V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI
KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika tal-iskadenza imminente ta' ċerti miżuri antidumping

(2017/C 268/04)

1. Kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, il-Kummissjoni tinnotifika li, sakemm ma jitnediex rieżami f'konformità mal-proċedura li ġejja, il-miżuri antidumping imsemmija hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

2. Proċedura

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara. Jekk il-Kummissjoni tid-deċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi tal-Unjoni se jkollhom iċ-ċans li jlaboraw, jirrifjutaw jew jikkummentaw dwar il-kwistjonijiet imsemmija fit-talba għal rieżami.

3. Terminu perentorju

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, li għandha tasal għand: European Commission, Directorate-General for Trade (Unit H-1), CHAR 4/39, 1049 Brussels, Belgium ⁽²⁾ fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika, iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Din in-notifika hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036

Prodott	Pajjiż(i) tal-orijini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data tal-iskadenza ⁽¹⁾
Fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli	Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina It-Tajlandja	Dazju antidumping	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 430/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajlandja u li jtemm il-proċediment fir-rigward tal-Indoneżja (ĠU L 129, 14.5.2013, p. 1)	15.5.2018

⁽¹⁾ Il-miżura tiskadi f'nofsillejl tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

⁽²⁾ TRADE-Defence-Complaints@ec.europa.eu

Notifika tal-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri antidumping

(2017/C 268/05)

1. Kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, il-Kummissjoni tinnofika li, sakemm ma jitnediex rieżami f'konformità mal-proċedura li ġejja, il-miżuri antidumping imsemmija hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

2. Proċedura

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara. Jekk il-Kummissjoni tid-deċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi tal-Unjoni se jkollhom iċ-ċans li jelaboraw, jirrifjutaw jew jikkummentaw dwar il-kwistjonijiet imsemmija fit-talba għal rieżami.

3. Terminu perentorju

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, li għandha tasal għand: European Commission, Directorate-General for Trade (Unit H-1), CHAR 4/39, 1049 Brussels, Belgium ⁽²⁾ fi kw-lunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika, iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Din in-notifika hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

Prodott	Pajjiż(i) tal-orijini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' skadenza ⁽¹⁾
Oġġetti tal-mejda u oġġetti tal-kċina	Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Dazju antidumping	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 131, 15.5.2013, p. 1).	16.5.2018

⁽¹⁾ Il-miżura tiskadi f'nofsillejl tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

⁽²⁾ TRADE-Defence-Complaints@ec.europa.eu

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8570 — CTDI EU/Regeneris EMEA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 268/06)

1. Fis-7 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tiegħu l-impriża CTDI GmbH ("CTDI EU", il-Ġermanja), ikkontrollata konġuntament minn Communication Test Design, Inc. (l-Istati Uniti) u minn Deutsche Telekom AG (il-Ġermanja), takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet kontroll tan-negozju EMEA ta' Regeneris (Depot) Services Ltd. (ir-Renju Unit, "Regeneris EMEA") permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal CTDI EU: forniment ta' tiswijiet u manutenzjoni f'rabta ma' tagħmir tal-infrastruttura ta' netwerks tat-telekomunikazzjoni kif ukoll prodotti elettroniċi oħra;

— għal Regeneris EMEA: forniment ta' servizzi ta' tiswijiet u manutenzjoni fir-rigward ta' prodotti elettroniċi, inklużi l-mowbajls, l-ismartphones, il-kaxxi tad-dekowder kif ukoll tagħmir ieħor tal-midja u tal-intratteniment, tagħmir għall-uffiċju bħal laptops, sistemi ta' pagament elettroniku, applikazzjonijiet industrijali u apparat mediku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

L-osservazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), bil-posta elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bir-referenza M.8570 — CTDI EU/Regeneris EMEA, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT